MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 408/2009

**Annot Company Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta’ Annot Company Limited nhar is-6 t’Ottubru 2009 fejn ippremetta s-segwenti:

“*Illi permezz ta’ ittra ufficcjali datata 29 ta’ Settembru 2009, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hawnhekk intimat interpella lis-socjeta’ Annot Company Limited sabiex ihallas is-somma ta’ sitt elef euro tmien mija u tmienja u erbghin Euro w sitta w tlettin centesmu (€6848.36) bhala likwidazzjoni finali w konklussiva ta’ taxxa fuq dokumenti w trasferimenti.*

*Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu mir-rimedju moghti lilu taht l-istess Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u permezz ta' dan ir-rikors qieghed jopponi t-taba surreferita bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi qabel xejn jigi nutat illi s-socjeta' Annot Limited ma tezistix u li kwindi kwlunkwe proceduri mehudin fil-konfront tal-imsemmija socjeta' huma nulli w bl-ebda mod ma jistghu jorbtu lis-socjeta' esponenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mhuwiex dovut in kwantu preskritt a tenur ta' l-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u/jew tal-Artikolu 18 tal-Att dwar Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti (Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta)*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandha taghti xejn lill-Kummisarju intimat."*

Ghaldaqstant talbet lil din *l-Onorabbli Qorti tiddeciedi billi a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligjiet ta Malta) tiddikjara t-talba surreferita maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala wahda infondata.*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2009 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif prezentata fl-atti nhar it-23 ta' Ottubru 2009 fejn espona is-segwenti:-

1."*Illi l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikros promotur hija nfondata specjalment in vista tal-fatt li s-socjeta' rikorrenti stess identifikat lilha nnifisha bhala Annot Ltd ma l-esponent. Effettivament l-ommissjoni tal-kelma 'Company' mill-isem tas-socjeta' rikorrenti saret minnha stess fl-Avviz tas-27 ta' Lulju 1998 mibghut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni hawn anness u mmarkat Dok KTI 1 kif ukoll fil-korrispondenza (Dok KTI 3)*

*li d-Dipartiment ircieva mid-direttur tas-socjeta' rikorrenti (Dok KTI 5 pagna 2), Markus Tonna in rappresentanza taghha. Allura s-socjeta' rikorrenti ma tistax issa tippretendi li 'Annot Limited' hija xi socjeta' ohra separata u distinta minnha.*

*Illi in ogni caso w minghajr pregudizzju ma hemm l-ebda socjeta' ohra registrata mar-registru tal-Kumpaniji li tikkontjeni isem 'Annot' u ghaldaqstant m' hemm l-ebda lok ta' xi konfuzjoni jew incertezza dwar min hu d-debitur intimat bl-ittra ufficcjali numru 5259/09.*

*2. Illi l-azzjoni ta' l-esponent ghal gbir ta' taxxa dovuta lilu mhiex preskritta kif qieghed jallega r-rikorrent fir-rikors promotur u l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa dovut fl-intier tieghu.*

*Illi jigi rilevat illi s-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti:-*

*a. illi fis-27 ta' Lulju 1998 d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ircieva l-avviz (DDT 1) skond il-ligi bid-dettalji ta' trasferiment tal-proprjeta Numru 19 bl-isem Isis fi Graham Street Sliema (Dok KTI 1).*
*b. Illi fil-5 ta' Mejju 1999 l-esponent hareg Avviz ta' Likwidazzjoi fl-ammont globali ta' LM2,940 (€ 6,848.36) (Dok KTI 2).*
*c. Illi s-socjeta' rikorrenti giet notifikata bl-Avviz ta' Likwidazzjoni permezz tar-Revenue Security Corps fit-28 ta' Mejju 1999.*
*d. Illi fit-23 ta' Gunju 1999, l-esponent ircieva avviz ta' oggezzjoni bil-miktub mill-imsemmi avviz ta' likwidazzjoni (Dok KTI 3).*
*e. Illi fl-10 ta Mejju 2006 l-esponenti pproceda bil-hrug ta' Avviz ta' Rifjut mill-oggezzjoni tas-socjeta' rikorrenti(Formola DDA 7) hawn annessa u mmarkata bhala Dok KTI 4 li giet debitament notifikata f'idejn id-Direttur tas-socjeta' rikorrenti Marcus Tonna permezz tar-Revenue Security Corps fis-17 ta' Lulju 2006.*
*f. Illi s-socjeta' rikorrenti ma ntavolat l-ebda appell mill-Avviz ta' Rifjut mahrug mill-esponent.*
*g. Illi meta skada t-terminu ghall-appell mill-Avviz ta' Rifjut mahrug mill-esponent, l-Avviz ta' Likwidazzjoni sar*

*finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 ta' l-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Traferimenti (Kap 364).*

*Illi mill-fattti fuq esposti huwa manifest li m'ghaddewx hames (5) snin mid-data minn mindu l-likwidazzjoni ta' taxxa saret finali u konklussiva ai termini ta' l-imsemmi Artikolu sad-data meta nbdiet l-azzjoni ghall-hlas permezz ta' l-imsemmija itta ufficcjali u kull allegazzjoni li l-ammont mitlub huwa preskritt hija bir-rispett kollu infondata.*

*3. illi l-ilment tas-socjeta' rikorrenti fis-sens illi allegatament m'ghandha taghti xejn lill-esponent, huwa bir-rispett kollu insostenibbli stante li l-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti mhiex il-procedura idonea sabiex is-socjeta' rikorrenti tressaq oggezzjoni/appell ghall-likwidazzjoni finali u konklussiva mitluba mill-esponenti u bir-rispett kollu din l-Onorabbli Qorti lanqas hija vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum ta' taxxa dovuta mis-socjeta' rikorrenti liema sindakar jista' jsir biss skond il-procedura stipulate fil-Kap. 364 u cioe' tramite Appell lill-Bord ta' Kummissarji Specjali mill-Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni ta' l-esponent li fi zmien tletin (30) gurnata skond l-Artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-imsemmi Att.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ghaldaqstant l-intimat talab li din il-Qorti tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2010 fejn appuntat ir-rikors promtur ghas-smiegh.

Semghet lil **Ivan Portelli** jixhed ghan-nom u in rappresentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni nhar l-4 ta' Marzu 2010. Dan spjega li d-*date of transfer* tal-proprjeta' in kwistjoni kienet it-2 ta' Lulju 1998 kif jirrizulta mid-dokument KTI 4 a fol. 12. Dan gie registrat fid-dipartiment fis-27 ta' Lulju 1998. Qal li fid-9 ta' Mejju 1999 kienet harget Notice of Assessment, li huwa dak esebit fl-

atti a fol. 10 u mmarkat bhala Dok KTI 2. Mistoqsi kif effettivament din in-Notice of Assessment gie ricevut mis-socjeta' rikorrenti wiegeb li l-envelop ma marx lura bil-kliem 'refer to drawer' jew 'unclaimed' u ghalhekk ghad-dipartiment ifisser li wasal ghand id-destinatarju, li f'dan il-kaz hija s-socjeta' rikorrenti. Sussegwentment ircevew ittra ta' *objection* minghand persuna li ffirma M. Tonna u din waslet fid-dipartiment fit-23 ta' Gunju 1999.

Mistoqsi min kien il-Perit li mar jara l-proprjeta' in kwistjoni jghid li mill-files jirrizulta li kien certu Perit Busuttil, pero' dettalji dwaru ma kellux. Ikkonferma li l-minuta tieghu dahlet fil-file nhar is-17 ta' Awwissu 1999. Qal li wara d-dipartiment hareg rifjut u hareg kont iehor sabiex jigbor dawn il-flejjes u rega' baghat lis-socjeta' rikorrenti biex javzaha b'dan ir-rifjut.

Fl-10 ta' Mejju 2006 regghu baghtu komunikazzjoni ohra li tinsab esbita fl-atti u markata bhala Dok KTI 4. Ikkonferma li bejn is-sena 1999 u s-sena 2006 ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

Illi nhar id-29 ta' Marzu 2010, dan ix-xhud rega' xehed u spjega li l-Perit in kwistjoni kien il-Perit Michael Busuttil u li l-ispezzjoni kien ghamilha fid-19 ta' Awwissu 1989.

Dwar id-dokument KTI 4 ix-xhud jghid li ma rcevew l-ebda risposta, w kien ghalhekk li hargu l-ittra ufficcjali nhar id-29 ta' Settembru 2009 li tinsab inserita fl-atti a fol. 3.

**Marcus Tonna** xehed nhar id-29 ta' Marzu 2010 u dan fil-kariga tieghu ta' *sole director* tas-socjeta' Annot Company Limted. Ikkonferma li huwa qatt ma rcieva l-ebda dokument relatat ma' din il-kwistjoni, salv u b'eccezzjoni ghall-ittra ufficcjali esebita fl-atti a fol. 3. Meta gie muri id-Dokument KTI 3 esebit a fol. 11 ikkonferma li l-firma fuq dak id-dokument ma kinitx tieghu. Qal li dik hija l-firma ta' missieru u dan ma kellu l-ebda rwol fis-socjeta' in dezamina. Ikkonferma li l-ewwel darba li ra dan id-dokument kien wara li nfethet il-kawza odjerna. Spjega li l-indirizz 165/6 Tower road, Sliema la huwa l-indirizz registrat tas-socjeta' rikorrenti w lanqas m'hu l-indirizz

tieghu. Mistoqsi min ta l-informazzjoni lin-Nutar Hugh Grima sabiex jimla l-formola a fol. 9 jghid li ma jafx. Qal li dik il-formola qatt ma raha. Huwa la jaghraf il-firma tieghu fuq id-dokument KTI 1 u lanqas il-kitba tieghu.

**Mario Tonna** xehed fit-22 ta’ Gunju 2010 u stqarr li jigi missier Marcus Tonna. Huwa kkonferma li l-firma fuq id-dokument KTI 3 hija tieghu u anke l-kitba tal-ittra hija tieghu. Ikkonferma li m’ghandu l-ebda rwol fis-socjeta’ rikorrenti, izda jghin lil ibnu fejn jista’. Per ezempju jkollu xi ittra minghand xi perit u jmur jiftah il-post ghall-ispezzjoni relattiva, jew imur jigborlu xi dokumentazzjoni. Huwa pensjonant.

Ikkonferma li huwa kien ikollu c-cavetta tal-post in dezamina f’idejh u qatt ma gie avzat li kien sejjer xi perit jara l-proprjeta’ in kwistjoni. Huwa kien wiegeb ghall-kont li s-socjeta’ rikorrenti rceviet minghand l-intimat ghaliex kien staghgeb bih. Qal li c-cavetta tal-garage kienet f’idejh biss. Ikkonferma li l-ittra kien kitibha minn rajh u taht l-ebda struzzjonijiet, u kien ghalhekk li kien kiteb l-indirizz personali tieghu fil-parti ta’ fuq, u dan sabiex jekk jircievi xi risposta minghand l-intimat li kien sejjer xi perit huwa ikun mgharraf u kien imur jiftahlu. Korrispondenza tas-socjeta’ rikorrenti ma jafx li qatt ircieva, ghalkemm jghid li seta’ rcieva xi haga ohra izda ma kinitx ir-regola. Jghid li possibilment ta l-indirizz tieghu bhala l-indirizz tas-socjeta’ rikorrenti lil xi stabiliment, pero’ minn dan ma kienx cert.

In kontro ezami jghid li wara li kien baghat l-ittra bil-kaligrafija tieghu ma rcieva l-ebda risposta minghand l-intimat. Mistoqsi jekk marrux xi periti fuq il-post jghid li sa fejn jaf hu ma marrux, ghaliex ic-cwievet jinsabu ghandu w irid ikun hu li jiftah. Baqa’ skantat bil-kont ghaliex il-garage ma jifformax parti mid-dar.

**Claudette Fenech** xehdet nhar it-22 ta’ Gunju 2010 u dan fil-kapacita’ taghha ta’ rapprezentanta tal-MFSA. Giet mitluba sabiex tipprezenta kopja tal-file tas-socjeta’ rikorrenti C 23071 u fil-fatt ghamlet hekk u dan gie markat bhala Dok MFSA. Qalet li din hija l-unika socjeta’ bl-isem

Annot Company Limited registrata mal-MFSA u l-uniku direttur taghha huwa Marcus Tonna. Qalet li skond l-ahhar *Memorandum and Articles* li gie pprezentat minn din is-socjeta' nhar is-27 ta' April 2010 jirrizulta li l-indirizz tad-direttur ta' din is-socjeta huwa Flat 6, 165, Tower Road Sliema.

**In-Nutar Hugh Grima** xehed fid-19 t'Ottubru 2010 u gie mistoqsi sabiex jesebixxi kopja tal-kuntratt redatt minnu nhar it-2 ta' Lulju 1998 bejn is-socjeta AGA Ltd. u Annot Company Ltd. Dan id-dokument gie esebit u markat bhala Dok CSH.

Meta huwa gie muri d-dokument esebit a fol. 9 tal-atti qal li dak huwa d-dokument li s-soltu huwa jipprezenta lill-intimat flimkien mac-cekkijiet tat-taxxa wara li jsir kuntratt relattiv. Qal li dan id-dokument jirreferi ghall-kuntratt li huwa esebixxa. Qal li d-dokument huwa ffirmat u miktub minnu.

Spjega li l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti 165/6 Tower Road, Sliema fuq dan id-dokument hija kitba tieghu. Qal li meta kien mar ghand l-intimat b'dan id-dokument KTI 1 probabilment ma kienx hemm miktub l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti, w dan ghaliex il-possibilta' hi li fil-kuntratt ma kienx nizzel fejn kienet registrata s-socjeta' rikorrenti, w ghalhekk saqsa fejn jipprezentaw dawn id-dokumenti sabiex jivverifikaw fuq il-kompjuter, u kiteb skond ma qalulu. Jista' jkun jghid li kien jaf li d-diretturi kienu jghixu hemmhekk, pero' ma jiftakarx ghaliex kitbu bl-idejn.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti, bhala fatt jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi is-socjeta' rikorrenti ghamlet kuntratt ghand in-Nutar Hugh Grima nhar it-2 ta' Lulju 1998 fejn permezz ta' dan l-istess att hija xtrat dar gewwa Graham Street tas-Sliema minghand is-socjeta' A.G. Limited versu l-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok CSH.

2. Illi n-Nutar Hugh Grima pprezenta nhar is-27 ta’ Lulju 1998, ghand id-dipartiment tat-taxxi Interni, l-formola esebita a fol. 9 tal-atti markata bhala dok KTI 1 flimkien mat-taxxa li huwa kellu jhallas fuq dan l-istess dokument.

3. Illi nhar il-5 ta’ Mejju 1999, l-ufficcju tat-Taxxi Interni hareg notifika ta’ likwidazzjoni esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok KTI 2 fejn is-socjeta’ rikorrenti kellha thallas is-somma ta’ LM2,940 bhala taxxa addizzjonali, u din intbaghtet lis-socjeta’ rikorrenti fl-indirizz moghti min-Nutar fuq id-dokument KTI 1.

4. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li l-intimat kellu xi notifika posittiva dwar il-konsenja ta’ dan l-istess dokument, ghalkemm Ivan Portelli ghan-nom tal-intimat jghid li ma rcevewx lura id-dokument, u ghalih dan ifisser li s-socjeta’ rikorrenti giet notifikata b’din in-notifika ta’ likwidazzjoni.

5. Illi fir-residenza 165/6 Tower Road, Sliema jghix missier id-direttur tas-socjeta’ rikorrenti li ghogbu jwiegeb ghal din in-notifika w kiteb ittra li tinsab esebita a fol. 11 immarkata bhala Dok KTI 3, fejn informa lill-intimat li l-garage li fuqu sar l-istima ma jifformax parti mid-dar li nxtrat mis-socjeta’ rikorrenti w ghalhekk talab li l-perit jipprezza mill-gdid il-post. Dan id-dokument wasal ghand l-intimat fit-23 ta’ Gunju 1999.

6. Illi in segwitu’ nhar l-10 ta’ Mejju 2006, seba’ snin wara, l-intimat rega’ baghat notifika ta’ likwidazzjoni (Dok KTI 4) fejn rega’ talab l-istess ammont ta’ flus minghand is-socjeta’ Annot Limited indirizzata ghand missier is-socjeta’ rikorrenti, u cioe s-somma ta’ LM 2,940.

7. Is-socjeta’ rikorrenti tramite d-direttur taghha Marcus Tonna, tghid li hija qatt ma rceviet dan id-dokument KTI 4 u saret taf biha *una volta* nfethet il-kawza odjerna u giet prezentata fl-atti mill-intimat mar-risposta teighu.

8. Jirrizulta skond ix-xheida ta’ Marcus Tonna li l-ewwel darba li sar jaf li l-intimat kien qed jippretendi xi hlas minghandu kien meta rcieva l-ittra ufficcjali datata 29 ta’ Settembru 2009 (fol. 3).

9. Jirrizulta wkoll li l-komunikazzjoni mibghuta mill-intimat kienet lis-socjeta’ Annot Limtied u mix-xhieda moghtija minn Claudette Fenech ghan-nom u in rappresentanza tal-MFSA is-socjeta’ jisimha Annot Company Limited.

10. Jirrizulta wkoll li l-indirizz registrat tas-socjeta’ rikorrenti fiz-zmien meta ntbaghtu l-komuniki minghand l-intimat kien 31/1, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi in linea preliminari s-socjeta’ rikorrenti qed issostni li t-talba tal-intimat hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, w a tenur ta’ l-Artikolu 18 tal-Att dwar Taxxa fuq Trasferimenti u Dokumenti (Kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi l-intimat ma jaqbilx ma’ din it-tezi w dan ghaliex isostni li mill-fatti kif fuq esposti jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tieghu li m’ghaddewx hames snin mid-data minn mindu l-likwidazzjoni tat-taxxa saret finali w konklussiva ai termini ta’ l-Artikolu 60 ta’ l-Att Dwar it-Taxa fuq Dokumenti u Trasferimenti. Ghalhekk isostni li l-argument tas-socjeta’ rikorrenti, li m’ghandha taghti xejn lill-intimat, huwa nsostenibbli. L-intimat sostna wkoll li s-socjeta’ rikorrenti ma tistax tikkontesta dan il-kont ghaliex din mhix il-procedura idoneja u messha ntvolat appell meta rceviet l-avviz *a tempo vergine* fiz-zmien moghti lilha mil-Ligi.

Illi m’hemmx dubbju li n-notifika ta’ likwidazzjoni harget fil-5 ta’ Mejju 1999 (Dok KTI 2) u dan ghas-somma ta’ LM2,940, u giet mibghuta lis-socjeta’ Annot Ltd. L-intimat ma gab l-ebda prova sabiex jissodisfa lill-Qorti li dan id-dokument effettivament gie notifikat lis-socjeta’ rikorrenti. Anzi s-socjeta’ rikorrenti pprovat ghas-sodisfazzjon tal-

Qorti li fejn intbaghat id-dokument ma kienx fl-ufficcju registrat ta' l-istess socjeta', ghakemm jinghad ukoll li allavolja n-Nutar ghamel zball fil-particulars tas-socejta' rikorrenti meta mela l-formola Dok KTI 1, minn ezami tal-kuntratt li kien gie prezentat flimkien ma' din il-formola jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti kien jisimha Annot Company Limited, u ghalhekk jekk in Nutar kien negligenti meta kiteb isem is-socjeta' rikorrenti, daqstant iehor kien id-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta baghat il-kontijiet tieghu.

Illi is-socjeta' rikorrenti kkonfermat li hija qatt ma rceviet id-dokument KTI 1 u lanqas id-dokument KTI 4 (fol. 12), li hija notifika ta' likwidazzjoni ohra datata 10 ta' Mejju 2006, u ghalhekk zgur ghall-perijodu ta' tmien snin (27 ta' Lulju 1998 [data meta giet registrata il-formola Dok KTI 1 u gie mgharraf l-intimat li sar il-kuntratt t'akkwist] u l-10 ta' Mejju 2006 [meta ntbaght it-tieni avviz ta' likwidazjoni]) ma kien hemm l-ebda notifika posittiva ghand is-socjeta' rikorrenti.

Kien biss meta l-intimat ipprezenta ittra ufficcjali nhar id-29 ta' Settembru 2009, ghaxar snin wara li sar l-att, li s-socjeta' rikorrenti giet notifikata bit-talba tal-intimat, u appuntu skond ir-riferta tal-Marixxal Connie Grech a fol. 3 tergo nhar il-5 t'Ottubru 2009. Jidher ghalhekk li ghadda z-zmien preskrittiv rikjest mil-Ligi.

Illi l-**Artikolu 47 (2) tal-Kap 372,** li huwa l-artikolu ta' preskrizzjoni li japplika ghal kaz in dezamina, jiddisponi s-segwenti:-

"*… l-azzjoni penali tista' tinbeda matul kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti w ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva".* Dan huwa l-istess artikolu li qed jinvoka l-intimat stess fir-risposta tieghu, u ghalhekk m'ghandux ghalfejn ikun hemm nuqqas ta' qbil dwaru.

Il-Qorti ghandha l-konfort ta' tlett sentenzi li taw interpretazzjoni ahharija ghall-**Artikolu 47 (2)** fuq imsemmi. L-ewwel wahda hija dik ta' **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana** deciza mill-Qorti ta' l-

Appelli Inferjuri nhar l-10 ta’ Jannar 2007, it-tieni wahda hija dik deciza mill-istess Qorti nhar il-5 ta’ Marzu 2007 fl-ismijiet **Emmanuel Zammit vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** u l-ahhar wahda hija dik deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-16 ta’ April 2007 fl-ismijiet **Joseph Abdilla vs Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

Fost affarijiet ohra dawn is-sentenzi pprovdew li “*ghalkemm certament il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta’ dipartimenti kbar bhal ma hu dak tat-taxxi Interni mhux dejjem jahdem b’mod mghaggel, min-naha l-ohra hija ferma il-konvinzjoni illi fi stat ta’ dritt il-legislazzjoni m’ghandhiex issir biex temporanjament tkopri id-deficenzi li jkunu jezistu..”* Ghal dak li huwa terminu l-istes sentenzi jghidu li *“ kieku wiehed jinterpreta bil-mod kif qed jippretendi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ma hemmx limitu ta’ zmien biex oggezzjoni tigi processata, konna naslu fi stat li l-Kummissarju jista’ jdum mitt sena w xorta wahda ma jiddekorrix il-preskrizzjoni. It-terminu ta’ tmien snin huwa fatali w fih trid tkun saret it-talba permezz ta’ ittra ufficcjali ghax altrimenti t-tax payer ikun intitolat jissolleva l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni.”*

**Illi ghalhekk in vista tas-suespost, il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba maghmula mis-socjeta’ rikorrenti Annot Company Limited bhala risposta ghat-talba tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni mehuda ai termini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, w dan billi tiddikjara li t-talba tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni tinsab preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 47 tal-Kap 364, u konsegwntement mhix ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-istess intimat.**

**L-ispejjez ghandhom jigu soportati mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------